

*Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: É. Gippini Fournier, T. Maxian Rusche, M. Kocjan u B. Rous Demiri, aġenti, inizjalment assistiti minn M. Ulčar u M. Ménard, sussegwentement minn M. Ménard, P. Božičko u A. Krošel, avukati)*

## Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/273/UE, tad-19 ta' Settembru 2012, dwar il-miżuri SA.26379 (C 13/10) (ex NN 17/10), implementati mis-Slovenja favur il-kumpannija Elan d.o.o. (ĠU 2014, L 144, p. 1).

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ir-Repubblika tas-Slovenja għandha tbat l-ispejjeż, inklużi dawk relatati mal-proċedura għal miżuri provviżorji.

<sup>(1)</sup> ĠU C 32, 2.2.2013.

## Sentenza tal-Qorti Ġeneral tat-28 ta' Jannar 2016 – Zafeiopoulos vs Cedefop

(Kawża T-537/12) <sup>(1)</sup>

*("Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura ta' sejħa għal offerti — Provvista ta' servizzi mediċi lill-persunal taċ-Ċedefop — Ċaħda tal-offerta ta' offerent u għoti tal-kuntratt lil oofferent ieħor — Rifjut li jingħata aċċess għal ċerti dokumenti dwar oofferenti oħra jnli pparteċipaw fil-proċedura ta' sejħa għal offerti — Obbligu ta' motivazzjoni — Protezzjoni tal-interessi kummerċjali u tar-reputazzjoni — Protezzjoni tad-data personali — Protezzjoni tal-proċess deċiżjonali — Responsabbiltà mhux kuntrattwali")*

(2016/C 098/36)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

## Partijiet

Rikorrent: Panteleimon Zafeiopoulos (Thessaloniki, il-Greċja) (rappreżentanti: M. Kontogiorgos, avukat)

*Konvenut: Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonal (Cedefop) (rappreżentanti: M. Fuchs, aġent, assistit inizjalment minn E. Petritsi, sussegwentement minn P. Anestis, avukat)*

## Suġġett

L-ewwel nett, talba għall-annullament, minn naħa, tad-deċiżjoni taċ-Ċedefop tat-8 ta' Ottubru 2012 li ċaħdet l-offerta ppreżentata mir-rikorrent fil-kuntest ta' avviż ta' kuntratt tad-19 ta' Ġunju 2012, ippubblikat fis-Suppliment tal-Ġurnal Uffċċjali tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2012/S 115-189528) dwar il-provvista ta' servizzi mediċi lill-persunal taċ-Ċedefop f-Tessaloniki (il-Greċja), u tad-deċiżjoni taċ-Ċedefop tad-9 ta' Ottubru 2012 li tagħti l-kuntratt finali fl-imsemmi avviż lil oofferent ieħor u mhux lir-rikorrent u, min-naħħa l-oħra, tad-deċiżjoni taċ-Ċedefop li ċaħdet it-talba tar-rikorrent għal aċċess għal ċerti dokumenti fil-kuntest ta' din il-proċedura ta' avviż ta' kuntratt, kif ukoll, it-tieni nett, talba għad-danni għall-ħsara li r-rikorrent sofra bħala konsegwenza tal-ksur allegatament imwettaq miċ-Ċedefop.

## Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) tat-8 ta' Ottubru 2012 li ċaħdet l-offerta magħmula minn Panteleimon Zafeiopoulos fil-kuntest tal-avviż ta' kuntratt tad-19 ta' Ġunju 2012 dwar il-provvista ta' servizzi mediċi lill-persunal taċ-Ċedefop f'Tessaloniki (il-Greċja), u d-deċiżjoni taċ-Ċedefop tad-9 ta' Ottubru 2012 li tagħti l-kuntratt finali fl-imsemmi avviż lil offerent ieħor u mhux lil P. Zafeiopoulos huma annullati.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Iċ-Ċedefop għandha tħalli l-ispejjeż tagħha u terz tal-ispejjeż ta' P. Zafeiopoulos.
- 4) P. Zafeiopoulos għandu jħalli żewġ terzi tal-ispejjeż tiegħu.

<sup>(1)</sup> ĠU C 46, 16.2.2013.

## Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' Frar 2016 – Benelli Q. J. vs UASI (MOTO B)

(Kawża T-169/13) <sup>(1)</sup>

[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva MOTO B — Trade marks figurattivi nazzjonali preċedenti mhux irreggistrati preċedenti — Raġuni relativa għal rifut — Prova tar-reputazzjoni ta’ trade marks mhux irreggistrati preċedenti — Artikolu 8(2)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 6a tal-Konvenzjoni ta’ Pariġi — Provi ppreżentati insostenn tal-oppożizzjoni wara l-iskadenza tat-terminu mogħti — Assenza ta’ tħid inkunsiderazzjoni — Setgħa diskrezzjoni tal-Bord tal-Appell — Dispożizzjoni kuntrarja — Ċirkustanzi li jopponu t-tħid inkunsiderazzjoni ta’ provi ġoddha jew addizzjonali — Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009 — Regoli 19 u 20 tar-Regolament (KE) Nru 2868/95 — It-tielet subparagrafu tar-Regola 50(1) tar-Regolament Nru 2868/95 — L-ewwel sentenza tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009 — Obbligu ta’ motivazzjoni”]

(2016/C 098/37)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

## Partijiet

Rikorrenti: Benelli Q. J. Srl (Pesaro, l-Italja) (rappreżentanti: P. Lukács u B. Bozóki, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: inizjalment minn F. Mattina, sussegwentement minn P. Bullock, aġġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġeneral: Demharter GmbH (Dillingen, il-Ġermanja) (rappreżentant: A. Kohn, avukat)

## Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tas-16 ta' Jannar 2013 (Każ R 95/2012-2), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn J. Q. Benelli Srl u Demharter GmbH.

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.